DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 4/2008

ta' l-1 ta' Frar 2008

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 132/2007 tas-26 ta' Ottubru 2007 ([1]).

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l- 20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi ([2]) għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 jirrevoka, b'effett mit-2 ta' Jannar 2013, id-Direttivi 70/220/KEE ([3]), 72/306/KEE ([4]), 74/290/KEE ([5]), 77/102/KEE ([6]), 78/665/KEE ([7]), 80/1268/KEE ([8]), 83/351/KEE ([9]), 88/76/KEE ([10]), 88/436/KEE ([11]), 89/458/KEE ([12]), 91/441/KEE ([13]), 93/59/KEE ([14]), 93/116/KE ([15]), 94/12/KE ([16]), 96/44/KE ([17]), 96/69/KE ([18]), 98/69/KE ([19]), 98/77/KE ([20]), 1999/100/KE ([21]), 1999/102/KE ([22]), 2001/1/KE ([23]), 2001/100/KE ([24]), 2002/80/KE ([25]), 2003/76/KE ([26]) and 2004/3/KE ([27]) li huma inkorporati fil-Ftehim u għalhekk għandhom jiġu rrevokati skond il-Ftehim b'effett mit-2 ta' Jannar 2013,

([1]) ĠU L 100, 10.4.2008, p. 1.
([2]) ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1.
([3]) ĠU L 76, 6.4.1970, p. 1.
([4]) ĠU L 190, 20.8.1972, p. 1.
([5]) ĠU L 159, 15.6.1974, p. 61.
([6]) ĠU L 32, 3.2.1977, p. 32.
([7]) ĠU L 223, 14.8.1978, p. 48.
([8]) ĠU L 375, 31.12.1980, p. 36.
([9]) ĠU L 197, 20.7.1983, p. 1.
([10]) ĠU L 36, 9.2.1988, p. 1.
([11]) ĠU L 214, 6.8.1988, p. 1.
([12]) ĠU L 226, 3.8.1989, p. 1.
([13]) ĠU L 242, 30.8.1991, p. 1.
([14]) ĠU L 186, 28.7.1993, p. 21.
([15]) ĠU L 329, 30.12.1993, p. 39.
([16]) ĠU L 100, 19.4.1994, p. 42.
([17]) ĠU L 210, 20.8.1996, p. 25.
([18]) ĠU L 282, 1.11.1996, p. 64.
([19]) ĠU L 350, 28.12.1998, p. 1.
([20]) ĠU L 286, 23.10.1998, p. 34.
([21]) ĠU L 334, 28.12.1999, p. 36.
([22]) ĠU L 334, 28.12.1999, p. 43.
([23]) ĠU L 35, 6.2.2001, p. 34.
([24]) ĠU L 16, 18.1.2002, p. 32.
([25]) ĠU L 291, 28.10.2002, p. 20.
([26]) ĠU L 206, 15.8.2003, p. 29.
([27]) ĠU L 49, 19.2.2004, p. 36.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I ta' l-Anness II mal-Ftehim għandu jkun emendat kif ġej:

1. L-inċiż li ġej għandu jiżdied mal-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE):

"— **32007 R 0715**: Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropewu tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1)."

2. L-inċiż li ġej għandu jinżdied fil-punt 45zl (Direttiva 2005/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"— **32007 R 0715**: Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1)."

3. Il-punt li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 45zs (id-Direttiva 2007/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill):

"45zt. **32007 R 0715**: Ir-Regolament (KE) Nru 715/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Ġunju 2007 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur fir-rigward ta' l-emissjonijiet ta' vetturi ħfief għall-passiġġieri u ta' vetturi kummerċjali (Euro 5 u Euro 6) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi (ĠU L 171, 29.6.2007, p. 1)."

4. It-test tal-punt 3 (id-Direttiva tal-Kunsill 70/220/KEE), 12 (id-Direttiva tal-Kunsill 72/306/KEE) u 42 (id-Direttiva tal-Kunsill 80/1268/KEE) se jiġu mħassra b'effett mit-2 ta' Jannar 2013.

Artikolu 2

It-testi tar-Regolament (KE) Nru 715/2007 fil-lingwa Iżlandiża u l-lingwa Norveġiża, li se jiġu pubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE tal-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*, se jkunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-2 ta' Frar 2008, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fis-Sezzjoni ŻEE ta', u fis-Suppliment ŻEE ta', il-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Frar 2008.

Għall-Kumitat Konġunt ŻEE
Il-President
Alan SEATTER

(*) Ebda obbligi kostituzzjonali m'huma indikati.